MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2003

Avviz Numru. 74/2003

**Avviz Numru : 74/2003 DM**

**Streamline Co. Ltd u Joseph Camilleri**

**Vs**

**Pilastri Construction Ltd**

Il-Qorti

Rat l-avviz permezz ta` liema il-kumpanija attrici u l-attur talbu l-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta` elfejn sitt mija u tnejn u erbghin lira Maltin (Lm2,642) rapprezentanti bilanc minn somma ikbar ghall-xoghol ta` bibien tal- injam li saru fuq ordni taghhom.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra legali tal- 21 ta' Jannar 2003 u tal -Mandat ta` Sekwestru ppresentat kontestwalment u bl-imghaxijiet mid-data tal- prezentata tal-avviz sad-data tal-eventwali hlas; ilkoll kontra s-socjeta konvenuta li giet ingunta biex tidher ghas-subizzjoni;

Rat il-Verbal tas-seduta tas- 27 ta' Gunju tas-sena 2003, fejn Dr Stefan Zrinzo-Azzopardi ikkontesta t-talba ghall-konvenuti u ddikjara li ser jippresenta l-Eccezzjonijiet formali fi zmien hmistax;

Rat illi, nonostante li skadew il-hmistax il-jum, il-konvenuti ma pprezentawx in-Nota tal-Eccezzjonijiet taghhom;

Billi, l-provi prodotti f` din il-kawza jirrizultaw biss fid-deposizzjoni ta` John Camilleri, Direttur tal-Kumpanija attrici mid-dokumenti esebiti minnhu, u l-konvenuti lanqas ma dehru biex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni, it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti qeghda ghalhekk tilqa` t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi in solidum bejniethom, is-somma mitluba ta` elfejn sitt mija tnejn u erbghin lira Maltin (Lm2,624) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-imghaxijiet legali b` effett mill- 4 ta` Frar 2003.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------